# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 25 ta' Frar 2000**

**Numru 18**

**Citaz. numru 1228/93DS**

**Victor Grech**
**vs**
**Tarcisio Barbara**

Illum, 25 ta' Frar 2000

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni ppresentata fl-14 ta' Settembru 1993 fejn l-attur wara li ppremetta illi huwa propjetarju u possessur tal-plot numru hamsa (5) fi triq il-Gawhar, Hal-Safi waqt li l-intimat huwa propjetarju tal-plots numru 1, 3, u 4 fl-istess triq:

Illi ricentement u precizament lejn l-ahhar ta' Awissu 1993 l-intimat beda jibni fuq il-plots tieghu u meta ghamel il-pedamenti ghamilhom b'mod li dahal fil-propjeta tal-istanti imsemmija b'tul ta' cirka 33 pulzier, u kwindi ikkometta spoll abuziv u vjolenti fuq l-istess propjeta'.

Illi huwa ppresenta rikors fejn talab il-hrug il-mandat ta' inibizzjoni li fih il-konvenut gie ordnat jieqaf mix-xoghol u ghalkemm notifikat il-konvenut baqa' ghaddej bil-bini u saqqaf ftit granet wara. Fil-fatt il-mandat inhareg qabel ma l-konvenut saqqaf (Mandat Numru 3885/93).

Talab lil din il-Qorti:

1. tiddikjara li l-konvenut bena fuq il-propjeta tal-attur fuq imsemmija u kwindi kkommetta spoll vjolenti u abuziv fuq l-istess propjeta':

**2.** tikkundannah biex fi zmien qasir u perentorju minnha ffissat jirrintegra lill-attur fil-pussess tal-istess billi jnehhi l-imsemmi bini taht is-supervizjoni ta' perit nominandi:

3. tawtorizza lill-attur biex f'kaz li l-konvenut jibqa inadempjenti, inehhih hu stess a spejjez tal-konvenut, taht is-supervizjoni tal-istess perit.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-mandat ta' inibizzjoni 3885/93 kontra l-konvenut ingunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut fejn qal:

1. Illi din il-Qorti hija inkompetenti "ratione materiae" ghaliex huwa l-eccipjent la huwa negozjant u lanqas l-att tieghu ma huwa wiehed oggettiv tal-Kummerc;

2. Illi r-rekwiziti ta' l-azzjoni ta' l-ispoll ma jirrizultawx: Ma kienx hemm turbativa jew spoll ta' pussess jew detenzjoni li kien vjolenti jew klandestin; Il-premessi tal-konvenut huma fil-petitorju u r-rimedju mitlub huwa possessorju;

3. Illi ghaldaqstant it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat il-verbal tat-18 ta' Ottubru 1993 fejn irrizulta li giet irtirata l-ewwel eccezzjoni;

Rat id-digriet tat-30 ta' Novembru 1993 fejn gie nominat l-A.I.C. Rene' Buttigieg bhala perit tekniku biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat id-digriet tat-23 ta' Jannar 1997 fejn giet nominata Dr. Joselle Galea bhala perit legali biex tassisti lill-perit tekniku u liema perit legali giet sussegwentwement sostitwita minn Dr. Francesco Depasquale;

Rat ir-relazzjoni minnhom mahlufa fil-21 ta' Mejju 1999;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

Il-partijiet huma propjetarji ta' plots adjacenti fi Triq il-Gawhar, Hal-Safi. L-attur jallega li l-konvenut bena fuq l-art tieghu. Il-konvenut jinnega.

**IR-RELAZZJONI TAL-PERIT TEKNIKU**

Fir-relazzjoni tieghu l-perit tekniku osserva li l-ewwel li kien akkwista l-fond tieghu minghand Piju Camilleri, kien Emanuel Azzopardi ta' *plot* 2. Imbaghad fit-8 ta' Ottubru 1992, l-attur akkwista *plot* 5 u fid-19 ta' Jannar 1993, il-konvenut akkwista *plot* 4 flimkien ma *plots* 1 u 3.

Ghal dak li kien jirrigwarda l-qsim tal-*plots*, il-perit inkarigat kien l-AIC Ludovico Micallef. Dan jirrizulta minn Dok. VG3 fejn il-perit tekniku gibed l-attenzjoni wkoll ghan-notament mnizzel illi *"All street alignments are approximate. Exact alignments have to be marked by the P.W.D."*. Lill-perit tekniku rrizultalu wkoll li l-istess perit arkitett Ludovico Micallef kien indika l-punti fl-art sabiex jiddelinja *plot* minn ohra. Imbaghad il-perit tekniku osserva li l-linja kif proposta fi Triq l-Iskola, hi

indikata f'dik il-pjanta, aktar 'l gewwa mil-linja tat-triq ezistenti fil-parti quddiem l-iskola, b'mod li mill-istess dokument jirrizulta li t-triq hi aktar wiesgha fronteggjanti *plots* 1 u 2.

B'riferenza ghall-pjanta Dok. TB2, il-perit tekniku rrileva li din tindika l-qasma ta' l-art fi plots izda minghajr indikazzjoni tal-wisa' tat-Triq l-Iskola.  hemm indikat il-linja proposta ghall-*plots* 1 u 2 fuq it-triq.

Izda l-perit kompla jispjega li hekk kif Emanuel Azzopardi beda jizviluppa l-*plot* 2, instab li l-allinjament moghti mid-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici kien jipprovdi ghal triq aktar wiesgha mit-30 pied previst mis-sidien.  L-istess sidien ghalhekk hasbu li Emanuel Azzopardi kien tressaq 'l gewwa mill-linja originali ndikata mill-AIC Ludovico Micallef.

Peress li Emanuel Azzopardi sussegwentement ha l-wisa' kollu kif indikat fil-pjanta Dok. TB2, il-perit tekniku rritjena li dan inoltra ruhu b'40 pulzier fuq il-*plot* 3 li kienet il-propjeta tal-kkonvenut Tarcisio Barbara. Dan ta' l-ahhar ghamel l-istess meta beda jibni l-*plots* 3 u 4 sabiex hu wkoll inoltra ruhu fuq il-*plot* 5 ta' l-attur.  Il-perit tekniku hawn ghamel riferenza ghax-xiehda ta' l-attur li rrileva li sadanittant il-posti moghmula mill-perit imsemmi kienu tnehhew jew gew imcaqalqa.  Dan skond il-perit tekniku, b'rizultat li kemm it-tul tal-hitan divizorji, kif ukoll il-kejl tal-plots gie mnaqqas peress li l-art hija trijangolari, bl-itwal tul fuq Triq l-Iskola li jickien mill-Lvant ghall-Punent.

Il-perit innota li ma kienx hemm kontestazzjoni dwar il-fatt li Emanuel Azzopardi ta' *plot* numru 2 kien zamm il-wisa' tieghu billi dahal fuq *plot* numru 3 u b'hekk ma zammx il-punti  stabbiliti mill-AIC Ludovico Micallef u dan wara ndikazzjoni ta' l-allinjament fuq Triq l-Iskola mid-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici.   Izda kien hemm kontestazzjoni dwar il-fatt li l-konvenut kien incida fuq il-*plot* 5 propjeta' ta' l-attur kif din giet indikata fuq il-post mill-AIC Ludovico Micallef, u dan sabiex izomm il-wisa' tieghu fi *plots* 3 u 4.

Il-perit tekniku rrileva li meta s-sid originali ta' dawn il-*plots* kien sar jaf bl-ispostament, hu baghat ittra fit-23 ta' Lulju 1993, (Dok. XX) sabiex is-sidien prezenti jzommu mal-punti stabbiliti mill-AIC Ludovico Micallef

sabiex ifassal pjanta ohra u cioe' Dok. VG2 fejn filwaqt il-*plots* 1, 2 u 3 baqghu bl-istess faccata, tul u kejl, il-*plots* l-ohra izda b'eccezzjoni ta' *plot* 4 kellhom inqas tul. In partikolari, il-*plot* 5 kellha inqas kejl. Pero' l-ebda att karrettorju ma gie ffirmat.

mill-pjanta esebita mir-rappresentant tad-Dipartiment ta' l-Awtorita' tal-Ippjanar, kien evidenti lill-perit tekniku li l-wisa' ta' Triq l-Iskola kienet minn dejjem 34 pied. Pero' din il-linja ma kienitx giet segwita mill-AIC Ludovico Micallef meta dan ghamel il-punti.

Il-perit tekniku kien tal-fehma li l-pjanta Dok. VG2 kienet wisq probabbli tfasslet b'mod zbaljat. Ghalhekk jekk it-tulijiet ta' *plot* 4 u *plot* 5 kellha tigi anqas mill-94 pied indikat fuq il-pjanta originali Dok. TB2. Imbaghad minflok il-faccata ta' *plot* 8 tnaqqset peress illi l-*plots* kienu gew spustjati lejn il-punent, din kibret minn 100 pied ghal 105 piedi fuq il-pjanta Dok. VG2. Hawn il-perit tekniku rrileva li l-kopja ta' din il-pjanta giet esebita mill-attur u mhux mill-AIC Ludovico Micallef li kien fassalha.

Fic-certifikat esebit mill-perit arkitett Ludovico Micallef bhala Dok. VG4, bid-data tat-30 ta' Awissu 1993, l-istess perit kien ikkummenta li sid il-*plot* 4 dahal fuq il-*plot* 5 u dan abbazi tal-posti li kien ghamel hu stess. Il-perit tekniku qal li dan hu kkorraborat mir-rapport esebit bhala Dok. VG5, mahrug mill-AIC Montesin, il-perit inkarigat mill-attur. Pero' hawn il-perit tekniku kien tal-fehma li l-kwistjoni jekk l-att tal-konvenut kienx jikkonsisti f'spoll, kienet kompitu tal-perit legali.

Il-perit tekniku ghalaq ir-rapport tieghu billi rrileva li l-wisa' ta' Triq l-Iskola fronteggjanti l-*plot* 2 minn dejjem kienet 34 pied u Emanuel Azzopardi li bena qabel il-kontendenti, inghata dik il-linja minghand id-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici skond din il-wisa'.

## IR-RELAZZJONI TAL-PERIT LEGALI

Fir-relazjoni tieghu il-perit legali spjega li hu kien ser ighaddi sabiex jevalwa l-punt legali tal-vertnza odjerna, cioe' li Emanuel Azzopardi kien

mexa 4 piedi 'l gewwa fuq il-*plot* adjacenti wara li nghata l-linja stradali mid-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici. Pero' l-istess perit legali qal li peress li hu ma *"giex ghall-konjizzjoni tal-fatti u l-argumenti mressqa fil-kawza 'Tarcisio Barbara vs Emanuel Azzopardi',* kien se jistringi l-evalwazzjoni tieghu ghax-xiehda moghtija fil-proceduri odjerni.

Imbaghad il-perit legali ghadda sabiex jaghmel dawk il-konstatazzjonijiet legali li fil-fehma tieghu kienu rilevanti ghal din il-kawza. Hu beda b'riferenza ghall-artikoli 535 et seq tal-Kodici Civili u rrileva li l-azzjoni ta' spoll kienet intavolata fit-terminu preskritt mill-ligi.

Imbaghad il-perit legali oserva li fl-ebda wahda mill-pjanti esebiti bhala Dok. VG2 u Dok. TB2 li kienu annessi mal-kuntratt ta' akkwist tal-partijiet rispettivi ma kien hemm indikat il-wisa' ta' Triq l-Iskola. Ghalhekk fil-fehma tieghu wiehed ma jistax jikkonkludi mill-istess pjanti jekk sehhx spoll jew le. Hu osserva li l-awtur originali meta ntebah li l-linja tat-triq ma kienitx dik li fuqha originarjament kienu nhaddmu l-*plots,* kien wissa lis-sidien tal-*plots* kollha, permezz ta' ittra, sabiex dawn izommu l-linji originali. L-istess Piju Camilleri kien imbaghad inkariga l-AIC Ludovico Micallef sabiex isiru l-punti. Peress li sussegwentement il-punti kienu gew imcaqalqa, il-perit arkitett kien rega' acceda fuq l-art u ghamel il-punti mill-gdid. Izda kif jidher mill-ittra tieghu stess tat-30 ta' Awissu, 1993, u mmarkata Dok. AA4, il-konvenut kien diga' dahal fuq il-propjeta' ta' l-attur b'madwar tletin (30") pulzier.

Wara li l-ebda ftehim ma kien intlehaq bejn is-sidien dwar il-problema ezistenti, il-perit legali rrileva li l-konvenut kien ha decizjoni minn jeddu u beda jibni u kien propju f'dak il-punt fil-fehma tieghu, li sehh l-ispoll. Dan sabiex wara kollox hu jzomm il-kejl originali tieghu qabel ma dahal fuqu sid il-*plot* nru. 2. L-agir tal-konvenut, irritjena l-perit legali, kien jikkonsisti fi spoll vjolenti u abbuziv.

B'hekk mbaghad il-perit legali ghadda sabiex jezamina l-artikolu 571 tal-Kodici Civili fid-dawl tar-rintegrazzjoni tal-posizzjoni ta' l-attur. Pero' peress li rrizulta mill-provi migbura li l-konvenut ma kienx in buona fede meta bena fuq l-art ta' l-attur u anke li l-attur kien oggezzjona ghax-xogholijiet ezegwiti mill-konvenut, ma setax jigi applikat dan l-artikolu fil-kaz in ezami. B'dan il-punt, il-perit legali ghalaq ir-rapport tieghu.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Il-qisien tal-fondi fid-dawl tad-dokumenti esebiti

1. L-attur xehed li hu kien xtara l-fond in kwistjoni fit-8 ta' Ottubru 1992, permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Charles Mangion (ara pagna 1 tax-xiehda, seduta tas-17 ta' Jannar 1994). Dan jirrizulta wkoll mill-kopja ta' l-istess kuntratt esebit bhala Dok. VG1 mar-rapport tal-perit tekniku. Skond dak l-att, l-attur xtara minghand Piu Camilleri *"porzjon ta' art diviza f'Hal-Safi, formanti parti mill-art maghrufa Tal-Mnejkiet, b'access ghaliha minn Triq Gawhar, maghrufa bhal plot numru hamsa (5), kif jidher fuq pjanta annessa, markati Dokumenti 'A' u 'B', tal-kejl komplessiv ta' mitejn u tnejn u ghoxrin metri kwadri (222m2) cirka, li minnhom hamsin metru kwadru (50m2) huma 'road area' li qed jigi trasferit', u l-kumplament huwa fabbrikabbli...tikkonfina minn Nofs in-Nhar mal-imsemmija triq, u mill-irjiehat l-ohra ma beni tal-venditur jew l-aventi kawza'.*

2. Dak il-kuntratt jistipula li hemm annessi mieghu zewg pjanti li gew immarkati A u B. Izda l-pjanta li skond l-attur stess kienet annessa ma' dak il-kuntratt u li giet esebita minnu bhala Dok. VG2, mhiex indikata b'wahda minn dawn l-ittri. Il-perit arkitett Ludovico Micallef, fix-xhieda tieghu tal-25 ta' Mejju 1994 (pagna 8) stqarr li din kienet giet imfassla minnu, filwaqt li Dok. VG3 l-attur qal li nghatatlu mill-l-AIC Ludovico Micallef, wara l-kuntratt izda qabel ma nqalghet il-kwistjoni. (pagna 2 tax-xhieda, seduta tas-17 ta' Jannar 1994). Il-Qorti tinnota li din il-pjanta m'ghanda l-ebda firma fuqha tal-partjiet li dehru fuq il-kuntratt relattiv, kif ukoll li hemm xi qisien li gew mibdula fuqha stess. Hawn ukoll tajjeb li wiehed jinnota l-kumment tal-perit tekniku f'paragrafu E tar-relazzjoni tieghu f'pagna 30. Invece, il-firem tal-partijiet rispettivi jidhru fuq il-pjanta Dok. TB2 pprezentata mill-konvenut bhala annessa mal-kuntratt ta' l-akkwist tieghu, kif ser jinghad aktar 'l isfel.

3. Minn ezami ta' l-ewwel pjanta, jirrizulta li l-wisa' ta' Triq l-Iskola mhux indikat. Il-hitan divizorji ta' kull naha tal-*plot* 5 ta' l-attur huma

ndikati, flimkien mal-*frontage,* rispettivament 77'3", 94' u 21'. Tajjeb li wiehed jinnota f'dan l-istadju l-kumment tal-perit tekniku li meta bena, Emanuel Azzopardi ta' *plot* 2 mexa skond il-linja moghtija mid- Dipartiment Ghax-Xogholijiet Pubblici. Issa kif kompla jispjega l-perit tekniku f'pagna 29 tar-relazzjoni tieghu, Victor Borg Fiorentino bhala rappresentant ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar xehed fis-seduta tat-28 ta' Frar 1995, li l-wisa' ta' dik it-triq kienet minn dejjem ta' 34' u allura l- perit tekniku spjega li l-linja moghtija mill-AIC Ludovico Micallef kienet zbaljata. Ukoll zbaljata jghid il-perit tekniku hi t-tfassil tal- pjanta nnifisha fejn filwaqt li t-tulijiet ta' bejn *plots* 6 u 7 gew imnaqqsa, dawk tal-*plots* l-ohra baqghu l-istess.

4. Imbaghad fir-rigward tal-pjanta Dok. VG3, hemm indikat fuqha l-*plot area* ta' $222m^2$ , cioe' is-somma tar-*road area* ta' $50m^2$ u tal-*building area* ta' $172m^2$ . Hemm l-*areas* tal-*plots* l-ohra ndikati wkoll, flimkien ma' *site plan.* Din hi ffirmata mill-perit arkitett Ludovico Micallef.

5. Skond il-kuntratt fl-atti tan-Nutar Carmel Mangion tad-19 ta' Jannar 1993, esebit mill-konvenut bhala Dok. TB1, hu kien akkwista minghand Pio Camilleri *'tlett porzjonijiet ta' art divizi, maghrufa bin-numru wiehed (1), tlieta u erbgha (3 u 4), F'Hal-Safi, b'faccata l-plots tlieta u erbgha (3 u 4) fuq Triq il-Gawhar, filwaqt illi l-plot numru wiehed (1) ghandha faccata fuq Triq l-Iskola...tal-kejl segwenti, u cioe' l-plots numru tlieta u erbgha (3 u 4), li huma kontigwi, fihom kejl komplessiv, kompriza t-triq, ta' tlett mija u sitta u sittin metri kwadri (336 m.k.) ... qed jidhru indikati fuq il-pjanta u site plan annessa, markata dokument 'A', u jiffurmaw parti mill-art 'Tal-Mnejkiet'.* Ghalkemm din il-pjanta esebita bhala Dok. TB2 m'hix immarkata b'dik l-ittra, jidhru diversi firem fuqha.

6. Il-konvenut ukoll esebixxa kopja ta' pjanta mmarkata Dok. TB4 li skond ix-xhieda li hu ta fis-seduta tal-25 ta' Ottubru, 1994, (ara pagna 12) din tindika l-emendi li saru minn Piu Camilleri fir-rigward tal-qisien tal-*plots.* Il-konvenut innota li kien hemm diversi qisien differenti minn dawk murija fuq Dok. TB2. Hu stqarr li hu ma kienx jaf minn min u meta saru dawn iz-zewg pjanti rispettivi. Gie mbaghad esebit mill-konvenut pjanta mfassla mill-perit arkitett

Emanuel Zammit, esebita bhala Dok. TB5, li fuqha hemm indikati t-tul u l-wisghat tal-*plots* ta' l-istess konvenut.

7. Kif sewwa nnota l-perit tekniku (pagna 28 tar-relazzjoni para. 16), ma jirrizultax li gew iffirmati atti korrettorji sussegwenti u ghalhekk wiehed jista' anke jibbaza kull kostatazzjoni ta' fatti u decizjoni fuq l-atti ta' xiri u l-pjanti annessi maghhom.

Jekk kienx hemm spoll

8. Il-Qorti taqbel mal-konkluzjoni tal-perit legali li l-konvenut bl-agir tieghu kkommetta spoll.
9. Skond il-gurisprudenza taghna, l-azzjoni ta' spoll tirrkjedi s-segwenti elementi: *possedisse, spoliatum fuisse,* u *infra bimestre deduxisse* (ara p.ez. **Joseph Vassallo Gatt noe vs Joseph Camilleri pro et noe** **-**Vol. LXXX.ii.315), kif ukoll li l-ispoll ikun vjolenti jew klandestin (ara p. ez. **Joseph Vella pro et noe vs Salvu Micallef -** Vol. LXXV. iii.695).

10. M'hemmx dubju li l-azzjoni odjerna giet intavolata entru t-terminu ta' xahrejn preskritt mill-ligi. Il-perit legali jirreferi ghat-2 ta' Settembru 1993, id-data meta l-konvenut beda jippjanta bil-konkos. Il-Qorti tirreferi wkoll ghan-noti prezentati minn Alexander Agius fejn taht id-data tat-30 ta' Awissu 1993 insibu riferenza ghall-gandott li kien diga haffer il-konvenut (u li jidher li sar bejn il-5 ta' Awissu u t-30 ta' Awissu). Stante li c-citazzjoni giet ipprezentata fl-14 ta' Settembru 1993, xorta jirrizulta li saret entru t-terminu fuq imsemmi.

11. Dwar il-pussess, jirrizulta ampjament li mhux biss l-attur kellu l-pussess tal-plot in kwistjoni izda kien sahansitra s-sid.

12. Fuq l-ispoll il-Qorti taghmel riferenza ghall-pjanti Dok. VG2 u Dok. TB5 esebiti mill-attur u l-konvenut rispettivament u tinnota li l-qisien immarkati ghat-tulijiet tal-plot 4 ivarjaw, b'dan li fil-pjanta esebita mill-konvenut li giet imfassla mill-perit arkitett inkarigat minnu, il-qisien huma anqas. Dan jista' biss jindika li l-fond gie spustjat lejn in-naha aktar qasira ta' l-art triangolata. B'hekk il-konvenut ikun

resaq fuq l-art ta' l-attur, kif fil-fatt gara. Dan hu rifless fic-certifikat rilaxxjat mill-A.I.C. Ludovico Micallef fit-30 ta' Awissu 1993 (Dok. VG4) fejn jikkonstata li *'fuq talba tas-Sur Victor Grech ghamilt spezzjoni fil-post fi Triq Gawhar, Safi, fejn jien kont ghamilt xi marki ta' qsim ta' plots. mill-ispezzjoni rrizultali li hi propjeta' tas-Sur Victor Grech'.* L-istess jirrizulta wkoll mic-certifikat mahrug mill-A.I.C. F.E. Montesin fil-31 ta' Awissu 1993, esebit mill-attur bhala Dok. VG5 u kkonfermat mill-firmatorju fis-seduta tas-7 ta' ottubru 1994, (pagna 10) fejn jinghad li *'It is now clear that the owner of plot 4, who is presently laying his foundations, is not respecting the division line between plots 5 and 4 given by Mr. Micallef and has in fact encrouched on our client's land by at least thirty inches along the whole lenght'.*

13. Issa mill-provi kollha prodotti wiehed jinnota li l-konvenut ma setax ma kienx konxju tal-fatt li kien hemm problema dwar il-pustjar tal-hajt divizorju ta' bejn il-fond tieghu u dak ta' l-attur. Fis-seduta tal-21 ta' Novembru 1994, (ara pagna 14), hu spjega li meta bena, hu mexa mal-linja ta' Triq l-Iskola. Jekk ghamel hekk, zgur abbazi tal-fatt li l-plot tieghu kemm fuq in-naha ta' wara, kif ukoll fuq in-naha ta' quddiem, hi mxattra, f'xi punt induna li l-qisien taz-zewg tulijiet kienu varjaw minn dawk li jidhru fuq il-pjanta originali. Ukoll kienet inqalghetlu problema mas-sid ta' plot numru 2 u sussegwentement ma' l-attur (sid il-plot nru. 5) dwar il-qisien. Hu stess xehed fis-seduta fuq imsemmija li hekk kif l-attur baqa' jinsisti li jzommu l-punti, hu qabad u beda jibni wara li halla 21' ghall-plot 3 adjacenti. Fis-sentenza rapportata f'Vol. XLI.II.1133, il-Qorti rriteniet li spoll vjolenti u abuziv *'jikkonsisti fi kwelunkwe att arbitrarju li, marte proprio, isir kontra l-volonta tal-persuna spoljata'* u din giet sussegwentement citata fis-sentenza li ghaliha diga' sar riferenza, moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' April, 1991, fl-ismijiet Joseph Vella pro et noe vs Salvu Micallef. Ghalhekk l-ammissjoni tal-konvenut tikkonsisti f'indikazzjoni l-aktar cara ta' l-att vjolenti maghmul minnu u necessarju sabiex tirnexxi l-azzjoni ta' spoll u llum hu possessur in mala fede. minn dan kollu jirrizulta l-*animus spoliandi* li huwa inerenti f'agir ta' spoll (ara p.ez. **Anthony Camilleri vs Doris Galea** - Vol. LXXIII.iii.851).

14. Ghaldaqstant it-talbiet attrici huma gustifikati u ghandhom jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut stante li din giet irtirata, tichad l-eccezzjonijiet l-ohra tieghu u tilqa' t-talbiet attrici biili

(1) tiddikjara li l-konvenut bena fuq il-propjeta' tal-attur fuq imsemmija u kwindi kkommetta spoll vjolenti u abuziv fuq l-istess propjeta',
(2) tikkundannah biex fi zmien tliet xhur jirreintegra lill-attur fil-pussess tal-istess billi jnehhi l-imsemmi bini taht is-supervizjoni ta' l-A.I.C. Rene' Buttigieg li qed jigi nominat ghal dan l-iskop, u
(3) tawtorizza lill-attur biex f'kaz li l-konvenut jibqa' inadempjenti, inehhieh hu stess a spejjez tal-konvenut taht is-supervizjoni tal-istess A.I.C. Rene' Buttigieg.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**ONOR. IMHALLEF**
**DOTTOR DAVID SCICLUNA**

**GRAZIO GALEA**
**D/REGISTRATUR**